# *350 SENA MILL-MEWT TA' DUN FILIPPU BORGIA (1649–1999)*

**Noti storiċi minn kitba ta' *SAL*, fil-ktieb "360 SENA KOLLEĠĠJATA" maħruġ mill-mibki President tas-Soċjetà Borgia, Joseph A. Deacon fl-1990**

**Dun Filippu Borg** (*jew* Borgia) **twieled f'Birkirkara fl-1567,** ftit wara l-Assedju l-Kbir. Kien ġej minn famlija għanja u studja sakemm sar saċerdot fit-18 ta' Settembru 1593 meta kellu madwar 26 sena. Kien diġà jgħallem il-grammatika, letteratura u morali ġewwa l-Imdina meta kellu biss 20 sena. Ħames xhur wara li ħa l-quddiesa, fis-7 ta' Frar 1594, Dun Filippu nħatar Kappillan ta' Birkirkara. Kien illawrijat fit-Teoloġija u fil-Liġi Kanonika u Ċivili. Ftit xhur wara l-Isqof Gargallo sejjaħlu bħala espert biex jitla' Ruma ħalli jirrapporta lill-Papa u lill-kardinali dwar il-qagħda spiritwali u ċivili tal-poplu Malti u Għawdxi. **Tant kien jaf sewwa l-andament tal-ħajja fil-pajjiż li kull Isqof jew Gran Mastru ġdid kien jibgħat għalih biex jagħtihom rendikont bil-pariri siewja tiegħu.**



Bejn April 1604 u April 1625 **Dun Filippu kien Vigarju Ġenerali**

**ta' Malta** u ġieli kien *locum tenens,* jamministra d-djoċesi fl-assenza ta' l-Isqof ta' Malta. F'daż-żmien ħatar diversi kappillani fil-Parroċċi madwar Malta u mexxa l-visti pastorali flimkien ma' l-Isqfijiet Gargallo u Cagliares. F'Awissu 1608 il-Gran Mastru Alofju de Wignacourt ġab l-approvazzjoni tal-Papa Pawlu V biex Dun Filippu jinħatar **Dekan tal-Kattidral,** bil-patt li jitlaq minn Birkirkara. Dun Filippu ma riedx jitbiegħed minn ħutu l-Karkariżi, anke minħabba x-xogħol li kien beda għall-bini ta' Knisja ġdida – dik li llum insibuha bħala "il-qadima".

Ħafna Karkariżi għamlu pressjoni fuqu biex ma jitlaqx, kif ukoll fuq il-Gran Mastru biex ma jċaqilqux minn Birkirkara. Ħamest ijiem biss wara li kien ingħata l-ħatra, Dun Filippu nnifsu mar għand il-Gran Mastru biex **"jibqa' fost il-Karkariżi li tant kien iħobb".** Dan kollu sar quddiem diversi kavallieri u ġemgħa kbira ta' Karkariżi li niżlu lura lejn Birkirkara, magħhom ingħaqdu ġemgħat kbar oħra u b'mod spontanju laqgħu lil Dun Filippu b'festa kbira.

Għall-għerf u l-integrità tiegħu, **is-Santa Sede ħatritu wkoll Pro-Inkwiżitur** biex imexxi t-Tribunal tas-Sant'Uffizzju f'Malta u għal xi żmien **kien ukoll Delegat Apostoliku tal-gżejjer Maltin.** Għall-ħabta ta' l-1636, b'sogru kbir għalih innifsu, kiteb "relazzjoni" dettaljata dwar l-istat politiku u reliġjuż tal-gżejjer tagħna, dokument importanti ħafna li jitfa' dawl sħiħ fuq kif kienu jgħixu l-Maltin u kif kienu maħkuma mill-Kavallieri.

**Wara talba li għamel Borgia, il-Papa Urbanu VIII, fil-5 ta' Diċembru 1630, ħareġ il-Bolla Apostolika *"Sacri Apostolatus Ministerio"* li biha twaqqfet il-Kolleġġjata ta' Sant'Elena – l-ewwel Kolleġġjata f'dawn il-gżejjer. Biex isir dan, Dun Filippu – li kien ġej minn familja sinjura – ħalla bil-miktub ġidu kollu lill-Karkariżi fil-Kolleġġjata tagħhom. Ftit wara l-istess Papa approva wkoll l-Istatuti li kiteb l-istess Dun Filippu li bihom kellha titmexxa l-Kolleġġjata.**

Kif jingħad fid-dokumenti, Dun Filippu ried **"jibdel il-ġid ta' l-art li jispiċċa fil-ġid tas-sema, li ma jintemmx".** Ried li mill-ġid materjali joħroġ ġid spiritwali lil ħutu l-Karkariżi.

L-iskop ewlieni tal-Kolleġġjata kien li s-saċerdoti li jaqdu lill-Karkariżi, jitolbu kuljum flimkien, jiċċelebraw il-Liturġija b'mod dinjituż, jaqsmu bejniethom ix-xogħol pastorali u jamministraw il-Kolleġġjata skond kif ordnalhom Dun Filppu u kif kien approva l-Papa nnifsu.

Ma' dawn id-dmirijiet kien hemm marbutin drittijiet li jiffurmaw il-parti Ġuridika ta' din il-Fundazzjoni. Biex jiżgura dan kollu, Dun Filippu mar għand l-Inkwiżitur fejn, **fit-13 u fl-14 ta' Lulju 1632, għamel l-Att tad-Donazzjoni – l-għotja ta' ġidu kollu – permezz ta' Kuntratt Ċivili kif jidher fl-atti tan-Nutar Ferdinandu Zarb.**

**B'hekk kien sar ftehim formali u legali, bejn Dun Filippu u s-Santa**

**Sede, bejn il-Fundatur u l-Papa nnifsu, bejn il-Benefattur u l-Karkariżi li tant kien iħobb. Huwa ried li kollox isir għall-ġid tal-Karkariżi, ried li l-Kolleġġjata tibqa' dejjem f'Birkirkara, li tkun amministrata mill-Kanonċi Karkariżi u jkunu l-istess Kanonċi li jagħżlu Kanonku ġdid meta jonqos xi wieħed.** Anzi, rabathom kif għandhom jagħżluh: fl-ewwel post, għandhom dejjem jagħżlu saċerdot Karkariż. **Ordna wkoll li jekk xi darba allaħares, titnaqqas xi ħaġa mill-ftehim, il-ftehim jinħall, u l-aħħar xewqa tiegħu tkun li "il-ġid kollu jgħaddi għand il-werrieta – il-Poplu Karkariż".**

Mill-ġid kollu li ħalla Dun Filippu, kellu jsir il-ħlas lill-Kanonċi għas-servizz li jagħtu kif ukoll il-prebendi għall-kariga li jokkupaw. Bħal kull ħaġa ġdida, il-Kolleġġjata tagħna l-Karkariżi sabet oppożizzjoni diversi drabi biex tibqa' kif riedha l-Fundatur iżda kienu diversi l-Papiet li kkonfermaw il-Fundazzjoni.

**Dun Filippu baqa' Prepostu sa ma miet fit-8 ta' Ottubru 1649 ta' 82 sena u ndifen fil-kor tal-Knisja l-Qadima.** Din is-sena, għalhekk, jaħbat għeluq it-350 mill-mewt ta' l-akbar benefattur tagħna l-Karkariżi. Sal-lum għandna triq imsemmija għalih, kwadru tiegħu fis-sagrestija tal-Bażilka, ieħor fl-Awla Kapitulari u ieħor fl-Aula Magna ta' l-Università l-qadima fil-Belt. Għalih hija msemmija wkoll is-Soċjetà Borgia ta' Birkirkara.

**Fl-1477 il-Kanonku Dun Perin Borg** żied erba' kanonikati oħra, permezz ta' kuntratt ċivili ieħor għand in-Nutar Pietru Pawl Gonzi fit-28 ta' Diċembru 1771. Dun Perin mexa fuq il-passi ta' Dun Filippu u **rabat din it-tieni Fundazzjoni bl-istess saħħa legali bħal ta' l-ewwel waħda.**

**Billi dan kollu kien indirizzat lill-Karkariżi ta' kull żmien, matul is-snin, diversi drabi l-Karkariżi ngħaqdu biex jaċċertaw ruħhom li jsir dak li ried il-Fundatur, sakemm fl-1936 twaqqfet il-Ven. Soċjetà Dun Filippu Borgia "biex tħares il-Patrimonju tal-Poplu Karkariż, f'isem l-istess Poplu u l-Għaqdiet ta' Birkirkara."**

---


ĊENTRU ANIMAZZJONI MISSJUNARJA ST. VENERA

TEL: 231252

Miljuni ta' kbar, tfal u trabi jmutu kull sena madwar id-dinja minħabba nuqqas t'ikel, mediċini u neċessitajiet oħra bżonnjużi għall-għixien li jixraq lill-bniedem. X'qiegħed tagħmel int biex lil Kristu ttaffilu xi ftit mit-tbatija?

Jekk tixtieq tgħin ikkuntattja lil

**Fr. Louis Mallia MSSP**